Cit. Nru.: 27/96TM

MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 27/1996/1

**Emanuel Ellul**

**Vs**

**Victor Custo bhala Chairman tal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u b'nota tas-16 ta' April, 1998, reno Calleja assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' l-Awtorita tat-traspost Pubbliku minflok Victor Custo -u John Borg, Alphonse Abela u Michael Micallef fil-kwalita rispettiva taghhom ta' Chairman, Segretarju u Tezorier tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata fil-5 ta' Jannar, 1996, fejn l-attur ipremetta illi huwa jopera erba' karozzi tal-linja li jgibu n-numru Y-0324, Y-0325, Y-0305, u Y-0659;

Ipremetta illi fis-17 ta' Mejju, 1995 intlahaq ftehim bejn il-konvenuti dwar il-mod kif ghandu jkun regolat it-trasport pubbliku;

Ipremetta illi fl-istess ftehim hemm dikjarat illi l-karozzi tal-linja kollha li huma intitolati li joperaw ghandhom ibiddlu l-kulur taghhom u dan sad-data stipulata;

Ipremetta illi, sussegwentement, is-sidien tal-karozzi tal-linja gew mgharrfa illi l-vetturi tal-linja kellhom joperaw biss bil-kulur approvat mill-konvenut l-Awtorita tat-Trasport Pubbliku u dan mit-30 ta' Ottubru, 1995;

Ipremetta illi d-data tat-30 ta' Ottubru, 1995 ma kienitx id-data stipulata u miftiehma fil-ftehim tas-17 ta' Awissu, 1995;

Ipremetta illi, in effetti, l-attur ittanta diversi drabi jikkomunika mal-konvenuti sabiex jinfurmahom dwar l-impossibilita' li jottempera ruhu mat-tibdil impost u *inoltre* talab li jinghata estensjoni tal-perijodu impost izda inutilment u dan *stante* li t-talbiet tieghu mhux biss ma gewx ikkunsidrati izda sahansitra injorati;

Ipremetta illi *inoltre* u b'mod abbuziv u llegali l-konvenuti waqqfu lill-attur mix-xoghol tieghu u dan bi pregudizzju ulterjuri ghall-attur u dan meta din is-sanzjoni bl-ebda mod m'hi sancita fil-ftehim relattiv;

Ipremetta illi l-agir tal-konvenuti, kif premess, ippregudika u kkaguna danni lill-attur;

Ipremetta illi l-attur interpella inutilment lill-konvenuti jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni lilu kagunati permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fl-14 ta' Novembru, 1995 (Dok A);

Talbu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi bl-agir taghhom kif fuq premess huma kkagunaw danni lill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest ipprezentat fl-14 ta' Novembru, 1995, kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Victor Custo bhala Chairman tal-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni u t-talbiet huma insostenibili *stante* ili l-obbligu legali tal-attur illi jbiddel il-kuluri tal-vetturi tal-linja, proprjeta' tieghu, ma johrogx mill-ftehim indikat fic-citazzjoni attrici izda mid-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru 3), mahruga bis-sahha tal-Avviz Legali Numru 109 ta' l-1995 u ippublikati fil-harga tal-4 ta' Awissu, 1995 tal-Gazzetta tal-Gvern (Harga Nru, 16,148) fejn gie pprovdut, *inter alia*, illi l-kuluri tal-vetturi tal-linja kellhom jitbiddlu ghall-kulur stipulat fl-istess regolamenti.

2. Illi, fi kwalunkwe kaz, il-premessi u talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ftehim tas-17 ta' Mejju, 1995, in kwantu kien jirrigwarda l-kulur tal-vetturi tal-linja fuq is-servizz bl-iskeda, gie emendat bi ftehim iehor sussegwenti fejn l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, ghan-nom tal-membri taghha, inkluz l-attur, accettat illi dawn il-kuluri kellhom jitbiddlu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru, 1995, u kull membru tal-Assocjazzjoni, inkluz l-attur kellu jigi debitament infurmat b'din l-emenda mill-Kumitat tal-Assocjazzjoni.

3. Illi, f'kull kaz, it-talba attrici ghal kumpens *in linea* ta' danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt, kif jigi ppruvat aktar dettaljament fil-kors tal-proceduri odjerni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' John Borg, Alphonse Abela, u Michael Micallef fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Chairman, Segretarju u Tezorier tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku fejn jeccepixxu:

1. Illi fl-ewwel lok isem il-konvenut m'huwiex Michael Mifsud izda Michael Micallef;

2. Illi fit-tieni lok l-attur ma baghta ebda dannu ta' xejn;

3. Illi fit-tielet lok l-attur ma huwiex registrat bhala proprjetarju ta' vettura;

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur jghid illi hu jopera erba' karozzi tal-linja u meta kien se jbiddel il-kulur tal-*buses*, fis-17 ta' Mejju, 1995, l-Assocjazzjoni tas-Sidien tal-Karozzi tal-Linja lahqet ftehim mal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, li tali bidla kellha ssir sa l-ewwel ta' Gunju, 1996. Eventwalment, minhabba l-provedimenti tal-Avviz Legali numru 109 tas-sena 1995, l-Awtorita biddlet l-istruzzjoni u ordnat li l-bidla fil-kulur kellha ssir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru, 1995. L-attur jallega li hu ma kellhux l-opportunita' ibiddel il-kulur tal-*buses* tieghu sa dak it-terminu u, minhabba f'hekk, gie imwaqqaf milli jkompli jopera fuq il-linja sakemm jikkomforma ruhu mal-ligi u, ghalhekk, sofra danni.

L-attur qed jirreklama danni kontra l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u kontra l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku talli dawn naqqsu li jonoraw il-ftehim iffirmat fis-17 ta' Mejju, 1995. Fil-verita', pero', il-bidla fit-terminu ghal-bidla tal-kulur tal-*buses* ma saretx minn dawn il-partijiet, izda mill-Gvern li, b'Avviz Legali, impona li dik il-bidla kellha ssir fi zmien aqsar. Ftehim li jsir bejn zewg persuni, huwa

dejjem soggett, mhux biss ghall-provedimenti ta' ordni pubbliku tal-ligi civili, izda, fuq kollox, ghad-dettami tal-ligi. L-intervent tal-Legislatur jista' dejjem jinewtroalizza akkordji li jkunu waslu ghalih il-privat, u l-unika limitazzjoni li ghandu l-Gvern hi li jrid, f'kull kaz, jirispetta d-drittijiet fondamentali tac-cittadini kif protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kaz, ma giex allegat li l-Avviz Legali in kwistjoni huwa bi ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u lanqas ma gie allegat li dak l-Avviz Legali huwa, amministrativament, invalidu (per ezempju, ghax *ultra vires* l-"*empowering law*"). Dak l-Avviz Legali, ghalhekk, ghandu jitqies validu u, bhala ligi, jorbot fuq ic-cittadini tal-pajjiz.

Hu risaput u accettat fil-gurisprudenza, li l-att tal-Awtorita' governattiva, huwa anness bhala kaz fortuwitu li jiskolpa lil min ma joperax ftehim. Fil-kawza "Raymond vs *Bus*uttil", Kollez. Vol. XXXI.I.554, intqal li "biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, jrid ikun hemm event li ma jiddempendix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibili u inevitabli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita' jew imprevedibilita' ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-*bonus pater familias*". Fil-kawza "German vs Apap Bologna", Kollez. Vol. XXXVII.II.653, imbaghad jinghad b'mod car li "fatt ta' l-Awtorita' Amministrattiva huwa ekwiparat ghall-forza magguri".

Fid-dawl ta' dan, huwa car, ghalhekk, li l-parti li ma onoratx il-ftehim ta' Mejju, 1995, ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni, ghax il-materja inharget minn idejn il-partijiet b'att tal-awtorita' tal-Gvern.

L-att tal-Gvern jitqies dejjem bhala att ta' terz li m'ghandux relazzjoni mal-kontraenti; hu veru li l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku hija Awtorita Pubblika, pero', hija indipendenti zgur mill Ezekuttiv. L-Ezekuttiv huwa wiehed mill-organi indipendenti tal-pajjiz, u, fin-nuqqas ta' cirkustanzi konkludenti li juri mod iehor, hu prezunt u meqjus li l-Ezekuttiv ikun agixxa indipendentement u fl-interess biss tal-pajjiz.

Apparti din il-kunsiderazzjoni, jigi rilevat ukoll ili l-attur ma weriex li l-ftehim tas-17 ta' Mejju, 1995, kien jorbot lilu wkoll. Dak il-ftehim intlahaq bejn l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku u l-Assocjazzjoni tas-Sidien tal-karozzi tal-linja, u l-attur ma weriex la li hu membru ta' dik l-Assocjazzjoni, lanqas li hu sid ta' karozza tal-linja. L-attur innifsu, fil-fatt jghid, li –karozzi tal-linji kienu f'idejh jew bis-sahha ta' konvenju jew bis-sahha ta' prokura minghand is-sid jew, sahansitra kien qieghed f'negozzjati biex idawru fuqu. L-attur, jidher, kien permess li jsuq il-*buses* fuq ir-rotta, pero' dan mhux f'ismu proprju, izda ghax kull sid ta' *bus* huwa permess li jqabbad lil xi hadd iehor biex isuqlu fuq xi rotta. L-attur, pero', bhala persuna li ma kinetx sid ta' karozzi tal-linja, ma jistax jipprova issostni l-argumenti tieghu fuq ftehim li ma kienx jinteressa lilu direttament.

Oltre dan, ma jidhirx li l-attur ma kellux zmien bizzejjed biex jisboh il-*buses* tieghu bil-kulur li trid il-ligi. Kif intqal mix-xhud John Borg (fol. 87), ma tridx tul ta' zmien biex tizboh il-*buses*, izda dan jinvolvi lis-sid fi spejjez kbar. L-attur, pero', f'ebda stadju ma ressaq il-problema tal-ispejjez bhala raguni ghan-nuqqas ta' bidla, izda ghax, fic-cirkustanzi partikolari tieghu (b'*bus* wahda b'*body* maqlugh u ohra mahbuta), ma kellux il-hin li jizboh il-karozzi, ghax bi tnejn kelli jlahhaq ix-xoghol ta' erba' karozzi. Dan ifisser li n-nuqqas ta' l-attur li jottempera ruhu mal-ligi ma kienetx ghax it-terminu impost kien xi wiehed irragonevoli jew drakonjan, izda ghax minhabba c-cirkustanzi partikolari tieghu, ma setghax (jew ma riedx) jitlef vjaggi.

L-attur ipprova jallega li l-Awtorita' imxiet diferenti mieghu, ghax fil-waqt li lilu waqfitu jopera b'karozzi mhux bil-kulur regolamentari, lill-ohrajn li kienu f'sitwazzjoni bhalu, l-Awtorita' ordnat biss li jitharrku. Apparti l-fatt li t-talbiet fic-citazzjoni m'humiex bazati fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, jirrizulta li kien hemm bazi ghal din id-differenza fit-trattament. Mill-provi jirrizulta, fil-fatt, li fil-waqt li l-attur kien jahdem fuq ir-rotta, s-sidien l-ohra ma kienux qed jahdmu fuq rotta, izda fuq xoghol privat ("*coffee mornings* u okkazjonijiet privati ohra simili). "*Prima facie*" din id-differenza fl-attitudini tal-Awtorita'

dwar it-Trasport Pubbliku, tidher apprezzabbli, u ma ntwerhiex mill-attur li hu personalment kien il-mira ta' dik id-differenza. L-Awtorita' hasset li, f'dak il-mument, kien importanti li ma thalli ebda *bus* tahdem ghall-pubbliku jekk ma tkunx konformi mal-ligi; *bus*es ohra li kienu qed jahdmu fuq xoghol privat mhux tar-rotta setghu biss, f'dak il-mument, jigu mwissija. Kif inghad, il-Qorti thoss li tista' tikkondividi dan ir-ragunament u, fin-nuqqas ta' provi ohra, ma ssib xejn ticcensura fl-attitudini tal-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku. Dan apparti li tali differenza fl-attitudini giet michuda mill-allura President tal-Assocjazzjoni, s-Sur John Borg, li xehed li "kull min kien ahdar, bdiet twaqqafhom ghaliex qalu li ma jridux kulur hekk u iehor hekk" (fol. 84).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

IMHALLEF

D/REG